MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Avviz Numru. 1761/1999/1

**Mary Jane Camilleri**

**vs**

**Dottoressa Angela Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attrici fit-30 ta' Novembru, 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas ta' danni tas-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900) talli hija permezz ta' operazzjoni tal-liposuction kondotta minnha fuq il-persuna ta' l-attrici nhar is-26 ta' Mejju, 1998 hija ikkagunatilha hsara permanenti fuq il-persuna taghha u dan minhabba negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti taghha.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talba ta' l-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tkun respinta bl-ispejjez kontriha, stante li l-eccipjenti, bil-kunsens ta' l-attrici u wara debita spjegazzjoni, kkonduciet fuq il-persuna ta' l-attrici operazzjoni ta' *liposuction* fis-26 ta' Mejju, 1998, liema operazzjoni kienet kondotta tajjeb, b'mod professjonali u kif titlob l-arti u s-sengha.
2. Bla pregudizzju ghall-premess, il-*quantum* tad-danni pretiz huwa esagerat (Dok. A u B).
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Lulju, 2001 fejn innominat lil Professur Joseph A. Muscat bhala tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta;

Rat ir-relazzjoni pprezentata mit-tekniku fuq imsemmi fil-21 ta' Dicembru, 2001 u mahlufa fis-27 ta' Mejju, 2002;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attrici qeda titlob il-hlas tad-danni wara ntervent kirurgiku estetiku maghmul mill-konvenuta, liema ntervent skond l-attrici ma kienx success.

Il-konvenuta minn naha taghha qeda tinnega dan u tghid illi l-intervent illi ghamlet fuq l-attrici kien skond il-professjoni.

Ikkundisrat:

Illi rrizulta mill-provi illi l-attrici marret fil-klinika tal-konvenuta sabiex issirilha operazzjoni ta' liposuction fis-26 ta' Mejju, 1998. Ghal din l-operazzjoni hallset is-somma globali ta' sitt mija u ghaxar liri Maltin (Lm610). Skond il-konvenuta, l-attrici kellha taghmel xi tlett ijiem

mugughha u mbaghad jghaddilha u tkun tista tmur ghax-xoghol, pero’ l-ugigh baqa’. Hija damet tattendi l-klinika tal-konvenuta ghal xi xahar, fejn f’dan il-perijodu tnehhewlha l-punti u rceviet trattament iehor minghand il-konvenuta.

Pero’ l-attrici ma kinitx kuntenta b’dak illi kien qed isir u xi zmien wara marret ghand it-tabib Dr Josie Muscat fejn issugerixxa illi kellha ssir operazzjoni mill-gdid. L-operazzjoni saret fit-22 ta’ Mejju, 1999 u kienet success. Ghal dan it-tieni ntervent hallset lit-tabib Dr Muscat is-somma ta’ sitt mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm695) [ara fol. 22].

Peress illi kien hemm konflitt tekniku bejn ix-xhieda tal-konvenuta u x-xhieda moghtija minn Dr Josie Muscat [fol. 26], il-Qorti dehrilha illi kien ikun ahjar kieku tinnomina espert tekniku biex jassistiha f’din il-kwistjoni u kien ghalhekk illi saret il-hatra tal-Prof. J. A. Muscat. Dan ipprezenta r-relazzjoni tieghu wara li ha konstatazzjonijiet kollha necessarji u wasal ghall-konkluzjoni illi, “Dr Farrugia wriet impenn shih u professjonalita xierqa li wiehed jistenna f’dawn ic-cirkostanzi [fol. 78].’

Qal ukoll, “Jekk hemm xi nuqqas f’dawn ic-cirkostanzi, mhux certament dak tal-konvenuta Dr Angele Farrugia [fol. 79].”

Kompla jghid, “… in-nuqqas ta’ sodisfazzjon da parti ta’ l-attrici bir-rizultat ta’ l-ewwel operazzjoni … hi ippernjata fuq il-personalita’, impressjonabbli u mhux tant sikura ta’ l-attrici” [fol. 80]. Fl-ahhar it-tekniku kkonkluda illi, “Minn dan kollu jirrizulta illi jiena tal-fehma illi Dr Angele Farrugia mxiet bil-kompetenza, mpenn u hila kollha mitluba fil-konfront professjonali illi kellha ma’ l-attrici Mary Jane Camilleri, partikolarment fl-operazzjoni tal-liposuction li ghamlitilha fis-26 ta’ Mejju, 1998 u ghandha tigi assolta minghajr riserva minn kull allegazzjoni ta’ ‘hsara’ li Mary Jane Camilleri qed tghid illi wettqet fuq il-persuna taghha, liema allegazzjoni titfa wkoll dell fuq il-kapacita’ u ntegrita’ professjonali taghha ghal kollox infondat.” [Fol. 81]

L-attrici ma kinitx kuntenta bil-konkluzjonijiet tat-tekniku nnominat mill-Qorti u ghamlitlu sensiela ta’ domandi bil-miktub li ghalihom saru risposti li fil-fehma tal-Qorti ma jbiddlux il-konkluzjonijiet originarjament raggunti mill-Professur Muscat.

Il-Qorti tara illi dawn il-konkluzjonijiet jitfghu htija fuq l-attrici peress illi dina ghagglet wisq u ma taghtx zmien bizejjed sabiex l-intervent maghmul mill-konvenuta jkollu l-effett mixtieq. Dan johrog car mill-ahhar xhieda illi ta l-espert tekniku fl-24 ta’ Jannar, 2005 [fol. 110].

Ikkunsidrat:

F’din il-kawza l-Qorti ghandha quddiemha relazzjoni fuq materja teknika li normalment ma tkunx ta’ kompetenza tal-Qorti peress illi si tratta ta’ kwistjonijiet medici. Ghalhekk, ma tistax tiskarta r-ragunijiet moghtija minghajr raguni gusta. Kif ghallmet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet <u>Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe</u>, deciza fid-9 ta’ Frar, 2001 l-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn perit tekniku bhal kull prova ohra setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero’, mhux leggerment jew kapriccjosament, imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti.

Bhala regola hu stabbilit anki mill-gurisprdenza li l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab l-opinjoni ta’ perit tekniku minnha nominat, ghaliex, dik kif inghad, tikkonsistwixxi element ta’ prova mportanti jekk mhux determinanti illi kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant (ara wkoll <u>Carmel Sciortino vs Helen u Joseph Camilleri</u> Appell Inferjuri 31 ta’ Lulju, 1996 u wkoll <u>Veronica Camilleri vs Joseph Thorne</u> deciza minn din il-Qorti kif preseduta fit-2 ta’ Dicembru, 2002).

Minkejja l-kweziti maghmula lit-tekniku, dan ma biddilx il-konkluzjoni minnu originarjament raggunta permezz tar-relazzjoni li pprezenta fil-21 ta’ Dicembru, 2001 li f’ghajnejn din il-Qorti hija prova determinanti ghall-ezitu ta’ din il-kawza.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi, illi taghmel taghha r-ragunament u l-konkluzjonijiet maghmula mill-perit tekniku li wasslu ghas-success ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------